MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Numru. 948/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Redent Roderick Borg ta' 29 sena bin Paul Borg u Maria Assunta Borg, imwieled Pieta' nhar is-6 ta' Ottubru 1981, residenti 75, Triq id-Duluri, Hamrun detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 551381(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Redent Roderick Borg akkuzat talli nhar il-15 ta' Settembru 2009 ghal hin bejn id-9am u 9:20am fil-fond numru 69, Triq il-Haddieda Qormi, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Sammut hekk kif iccertifkat Dr. Lynn Grech reg.no.3227 mic-Centru tas-sahha ta' Hal Qormi.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bi hwejjeg iebsin u waddabhom lejn il-persuna ta' Joseph Sammut.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-24 ta' Frar 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwizti f'dana il-process jirrizulta illi fil-jum ta'l-incident inqala' disgwid bejn l-imputat u il-parti leza Joseph Sammut rigward l-uzu ta' skip. Jidher illi kien hemm ftehim bejn dawn it-tnejn minn nies illi jaqsmu l-ispejjez ghal dana l-iskip li kien inkera fuq isem Sammut. Jidher illi fil-jum in kwistjoni ic-cavetta ta'l-iskip kienet ghand Sammut. Izda peress illi l-imputat ma kienx qed ikellem lil Sammut huwa bghat lill-lavrant tieghu ghand Sammut sabiex jaghtih ic-cavetta. Sammut izda irrifjuta li jaghmel dana ghax dehrlu li gialdarba l-imputat ma kienx qed ikellmu allura ma kellux jaghtih dina c-cavetta. Jidher illi meta l-lavrant informa lill-imputat b'dana, l-imputat mar huwa stess fil-garaxx ta' Sammut ghal dina ic-cavetta. Ma hemmx dubbju illi f'dana il-mument l-imputat kien pjuttost urtat minhabba l-atteggjament ta' Sammut lejh u ghalhekk ma marx fil-garaxx ta' Sammut bl-intenzjoni li jitolbu ic-cavetta bil-prudenza u l-edukazzjoni. Jidher illi l-imputat dahal fil-garaxx ta' Sammut u qallu biex jaghtih dina c-cavetta, izda Sammut xorta wahda baqa' jirrifjuta milli jaghmel dana. L-imputat iktar beda jirrabja ghalih u kien

f'dana il-mument illi jidher illi dawn it-tnejn minn nies gew fl-idejn bil-konsegwenza illi Sammut sofra griehi f'wiccu.

Illi l-imputat minn naha tieghu isostni illi huwa hebb ghal Sammut sabiex jiddefendi ruhu meta ra lil Sammut gej ghalih b'pala f'idejh u ghalhekk mar ghalih sabiex jipprova jehodilu minn idejh. Kien f'dina it-taqtigha isostni illi huwa beda jxejjer b'idejh u spicca laqat lil Sammut f'wiccu. Ghalhekk huwa qieghed iressaq bhala difiza l-iskriminati tal-legittima difeza u cioe' illi huwa irejagixxa minhabba l-agressjoni li kienet gejja min-naha ta' Sammut. Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:

"***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

Illi l-Qorti tqis illi dana kien kaz ta' perikolu anticipat u inoltre l-imputat ireagixxa b'mod kemmxejn vjolenti f'dana l-incident kollu. Illi l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi ma temminx il-verzjoni ta'l-imputat dwar l-incident. Ma hemmx dubbju illi l-imputat kien irrabjat mhux ftit ghal Sammut. Jidher illi dana Sammut ma kienx xi bniedem illi huwa kellu wisq grazzja mieghu u dana kif jirrizulta anke mix-

xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti. Kien l-imputat stess li mar sabiex jaffronta lil Sammut u mhux vice-versa. Huwa mar fil-garaxx ta'l-imputat ghal konfrontazzjoni u xejn izjed. Bir-rabbja huwa beda anke jitfa' l-oggetti li sab taht idejh lejn Sammut u kien hawn li Sammut qabad il-pala f'idejh biex jiddefendi ruhu. Tant kien irrabjat illi meta hin sew wara l-incident gie mitkellem mis-surgenta Sue Ellen Haber dina tghid illi l-imputat kien ghadu jidher agitat. Fil-fatt huwa kien anke kisser il-katnazz ta'l-iskip wara li kellu xi ighid ma' Sammut u fethu bl-uzu tal-vjolenza. Illi l-Qorti temmen illi l-imputat kien irrabjat ma' Sammut minhabba l-insistenza tieghu illi ma ighaddielux ic-cavvetta ta'l-iskip u dana minghajr ebda raguni valida u ghalhekk mar sabiex bil-herra jiehu dak li ried.

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998, fis-sentenza Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro inghad:

***"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta' difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."***

Illi lanqas ma tista' tirrizulta l-iskriminanti ta'l-eccess tal-legittima difeza, liema dottrina hija esposta fl-artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali. Illi sabiex dina d-difiza tista' tirnexxi id-difiza jinhtiegilha tipprova illi kien hemm l-element tal-biza', hasda  jew twerir li igibu l-impunita'. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur ta'l-imputat, l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma jirrizultaw mill-provi. Illi ma jirrizultax illi l-imputat kien qieghed f'xi hin jibza' minn Sammut jew li dana hassdu jew kien qieghed iwerwru tant illi l-imputat hass il-bzonn li jiddefendi ruhu minn xi aggressjoni ingusta, gravi u inevitabbli li kienet qed issir fil-konfront tieghu. Fuq kollox l-imputat seta' fácilment jitlaq minn fuq il-post filwaqt illi kien qieghed jara lil Sammut gej ghalih bil-pala kif stqarr, izda huwa ghazel li

ma jaghmilx dana, anzi mar sabiex jikkonfrontah, beda jipprova jehodlu il-pala minn idejh. Hawnhekk jghid illi anke xejjer xi daqqiet b'idejh fid-direzzjoni tal-parti leza. F'dana il-mument l-imputat ma kienx imbezza', mahsud jew imwerwer, izda kien irrabbjat ghal Sammut minhabba f'dina ic-cavetta. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tiskarta dina il-linja difenzjonali.

Illi l-artikolu 227(c) imbaghad jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "**illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt.**" Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

"**Meta tigi biex tqis l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk**: "***la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*** (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)."

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe’ fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta’l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Illi l-Qorti tqis illi f’dana l-kaz kien hemm provokazzoni da parti ta’ Sammut lejn l-imputat. Sammut kien jaf illi l-imputat jaqla’ l-ghejxien tieghu minn dana in-negozju ta’ sprayer. Kien jaf ben tajjeb illi ghalhekk ghall-imputat l-uzu ta’l-iskip kien essenzjali. Izda b’dispett huwa ma riedx ihallih juza dana l-iskip ghax jghid fix-xhieda tieghu illi gialdarba l-imputat ma kienx qieghed ikellmu allura dehrlu li lanqas l-iskip ma kellu jhallih juza – agir ta’ tfal zghar u mhux ta’ persuni adulti!. Sammut hawnhekk nesa il-ftehim li kien hemm bejniethom u l-fatt illi l-imputat kien qed ihallas ghall-uzu ta’l-iskip daqs kemm kien qed ihallas hu. Ghalhekk ried jisfidah u irnexxielu jtellef is-sens ta’ raguni lill-imputat li spicca tilef il-kontroll ta’l-azzjonijiet tieghu minhabba dina l-provokazzjoni ghal kollox ingusta da parti ta’ Sammut u ghalhekk il-Qorti ser tilqa’ dina il-linja difensjonali.

Illi dwar in-natura tal-griehi sofferti mill-parti leza, jirrizulta mix-xhieda ta’ Dr. Lynne Grech u ic-certfikat mediku rilaxxjat minnha[1] illi l-imputat kellu marka f’wiccu u precisament fuq ghajnejh tan-naha tal-lemin. Jidher anke minn dak li setghet tikkonstata dina l-Qorti illi dina l-marka ghadha tidher ghalkemm ftit moghtija bix-xahar ta’ fuq l-ghajn.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi dana l-incident kien wiehed li seta’ jigi evitat li kieku il-partijiet it-tnejn aggixxew bil-buon sens. Ghalhekk piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja ghal dana l-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b)(2), 227(c), 230(b), 232(a), 235, 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-

[1] Ara xhieda a fol. 12 u Dokument LG

Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema reat madanakollu huwa skuzabbli ai termini ta’l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta minhabba provokazzjoni u tikkundannah ghal perijodu ta’ xahrejn prigunerija, li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lil hati b’garanzija ta’ hames mitt ewro ghal zmien sena mil-lum sabiex izzomm il-paci ma’Joseph Sammut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------